# TRIBUNAL INDUSTIJALI

# DECIZJONI NRU. 1213

Kaz Nru. 1512

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Etienne Farrgia

u

HSBC Bank Malta plc

dwar tkeccija muill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 25 ta' Lulju 2001

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dana l-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fis-6 ta' Frar 2001 b'riferenza MSP/TI/11/2001. U dana wara li l-Avukat Anglu Farrugia kien f'isem is-sur Etienne Farrugia kiteb lill-Onorevoli Ministru fit-3 ta' Frar 2001 fejn allega li dan kien gie licenzjat ingustament mill-HSBC Bank Malta plc.

L-Appellant kien rapprezentat mill-istess Avukat Anglu Farrugia u f'xi seduti mill-Avukat Edward Gatt waqt li l-Bank Appellat kien rapprezentat mis-sur John Bezzina assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona. Gew mizmuma seba' seduti.

Qabel ma bdiet l-ewwel seduta fl-14 ta' Marzu 2001 ic-*Chairman* informa lill-partijiet illi huwa kien azzjonist fil-Bank Appellat u kien detentur ta' kont korrenti mieghu. Ghaldaqstant kien lest li jirrikuza ruhu jekk xi wahda mill-partijiet kellha xi oggezzjoni dwar dan. Il-partijiet esprimew fiducja fic-*Chairman* u dana ddecida li jippresjedi fuq il-kaz.

## 2 Fatti tal-kaz

L-Appellant waqt li kien ghadu jahdem mal-Bank Appellat kellu jaghmel pagament lill-persuna Belgjana li maghha kellu relazzjoni kummercjali privata li ma ghandha x'taqsam xejn max-xoghol tieghu. Huwa mela l-formoli kollha u ghaddihom 'l Bank u ta kopja lill-istess persuna. Huwa jghid li nesa' jiddeposita l-korrispettiv bir-rizultat li ghadda z-zmien u l-Belgjan ma rceviex il-flus. Sussegwentement dana avza lill-Bank li minn naha tieghu investiga u l-Appellant qal li nesa jiddepozita il-flus u wara li gie avzat mill-Bank hallas dak li kellu jhallas.

Il-Bank ghamillu *charge* ta' *Gross Misconduct* u huwa deher quddiem Bord tad-Dixxiplina li sabitu hati. Imbaghad huwa deher quddiem Bord tal-Appell kif jitlob il-Ftehim Kollettiv u dana ikkonferma t-tkeccija tieghu mis-servizz tal-Bank Appellat.

L-Appellant ma jinnegax il-fatti izda jirritjeni li s-sanzjoni estrema ta' tkeccija hija harxa wisq ghax f'kazi iktar serji minn tieghu l-kastig kien ta' sospensjoni mix-xoghol u mhux ta' licenzjament.

## 3. Kunsiderazzjoniet

Il-kaz jinpernja ruhu fuq nuqqas u nuqqas kbir tal-Appellant, ammess minnu stess. Ghaldaqstant m'hemmx kontestazzjoni la fuq il-fatti u lanqas fuq il-procedura ta' dixxiplina li mexa biha l-Bank akkonfront tieghu. Infatti dan qatt ma lmenta fuq il-process li ghadda minnu kif ukoll mill-mod li bih gie trattat. L-ilment li jikkostitwixxi l-appell li ghamel lit-Tribunal huwa fuq is-severita` tal-kastig. Biex jissostanzja l-ilment tieghu l-Appellant iccita kaz iehor li gara l-Bank izda li kellu konsegwenzi finanzjarji kbar ghad-dannu tal-istess Bank. F'dak il-kaz l-ufficjal kienet regghet iddahlet tahdem u ma tkeccietx. Ghad li t-Tribunal sema lill-istess ufficjal li llum ma ghadiex tahdem mall-Bank dan ghamlu b'certa riluttanza ghaliex l-ewwel nett ma kienx kaz analogu u t-tieni nett li kellu quddiemu t-Tribunal kien il-kaz in ezami u mhux iehor. Barra minn hekk it-Tribunal ghamilha car li kien qed jisma l-kaz indipendentement minn dak li gie deciz miz-zewg bordijiet dixxiplinari tal-Bank ghad li ezamina bir-reqqa l-proceduri li gew segwiti biex jara li kollox sar sewwa. Ghamilha car it-Tribunal li dan ma kienx xi organu ta' *'cassazione'* biex jirrevedi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell.

Ghalhekk it-Tribunal kellu quddiemu s-semplici kwistjoni jekk is-sanzjoni moghtija lill-Appellant kienitx wahda gusta jew le. Irid jinghad l-ewwel nett illi impjegat ta' Bank ghandu jkollu livell xieraq ta' imgieba u grad gholi ta' komportament etiku minhabba fid-delikatezza ta' xoghol. L-Appellant *ex admissis* kien naqas serjament f'dan ir-rigward. Kien nuqqas serju li ghad li ma irrizultax f'danni finanzjarji ghall-Bank certament ikkawzalu danni ta' natura morali specjalment f'ghajnejn il-klijent barrani li mieghu l-Appellant kien ghamel it-transazzjoni li tat lok ghal dan il-kaz. Mill-banda l-ohra irid jinghad li l-Appellant kellu *a clean sheet* u gie ammess mill-Bank stess li qatt ma kellu xi nuqqasijiet ohra imnizzlin fil-*history sheet* tieghu. Dana kien incident, serju kemm trid, izda solitarju fil-karriera tieghu.

Kien jimmerita l-Appellant s-sanzjoni estrema ta' tkeccija? Din hija d-domanda li jrid jirrispondi t-Tribunal. Il-Bank isostni gustament li l-infrazzjoni kienet tammonta ghall-*Gross Misconduct* kif definit fil-Ftehim Kollettiv. Din tista ggib maghha wiehed minn skala ta' kastigi li jibdew minn *final warning* u jwasslu sa *summary dismissal.* Minn din il-lista ta' xi tmien kastig il-Bank ghandu d-dritt jaghzel, naturalment skond il-gravita` tal-kaz. Fil-kaz prezenti deherlu li ghandu jaghti s-sanzjoni estrema ta' tkeccija. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal dana kien kastig harex wisq meta tqies li d-dannu finanzjarju ghal Bank kien minimu, d-dannu morali ma kienx estiz u tista tghid ristrett ghal persuna wahda. Barra minn dan kollu ghad li l-Appellant kien ghamel zball serju izda kienet infrazzjoni wahdanija li ghaliha patta sewwa. Biex ikun konformi mall-ligi licenzjament ghandu jkun ghal raguni tajba **u** bizzejjed.

## 4. Decizjoni

It-Tribunal jiddecidi li l-Appellant Etienne Farrugia gie licenzjat ghall-raguni gusta izda mhux sufficjenti.

## 5. Rimedju

Wara li ra l-artikolu 33(1) tal-Att Dwar ir-Relazjonijiet Industrijali (Kap 266) it-Tribunal jordna li:

(a) Etienne Farrugia ghandu jerga jidhol ghax-xoghol mhux iktar tard mill-1 ta' Awissu 2001 bl-istess salarju u kondizzjonijiet li kellu meta gie licenzjat izda mhux necessarjament fl-istess ufficcju;

(b) Il-perijodu li jibda mill-gurnata tal-licenzjament u jwassal sal-31 ta' Lulju 2001 ghandu jigi meqjus bhala *leave* bla paga b'mod li l-*continuity of service* tal-Appellant ma jkunx interrot;

(c) Immedjatament l-Appellant ghandu jirritorna lill-Bank l-istationery, formuli etc li jappartjenu lill-HSBC jew Mid-Med Bank u li qedin fil-pussess tieghu b'mod irregolari;

(d) Jekk sa zmien sena mid-data tal-lum Etienne Farrugia jikkommetti xi infrazzjoni li taqa' taht il-kategorija ta' *Gross Misconduct* huwa jkun jista jigi definittivament licenzjat.

## 6. Drittijiet

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini

Chairman

Emma Muscat

A/Segretarja